SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Jannar 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil ta' flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu – Direttiva 2005/60/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) u punt 7(a) tal-Artikolu 3 – Għan soċjali ta' impriża li jikkonsisti fil-bejgħ ta' kumpanniji rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali u fformati għall-għan waħdieni li jinbiegħu – Bejgħ imwettaq permezz ta' ċessjoni tal-ishma ta' impriża fil-kumpannija stabbilita qabel"

Fil-Kawża C-676/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Diċembru 2016, fil-proċedura

CORPORATE COMPANIES s.r.o.

vs

Ministerstvo financí ČR,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), President tal-Awla, C. G. Fernlund, A. Arabadjiev, S. Rodin u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u J. Pavliš, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn A. Gavela Llopis, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Šimerdová u T. Scharf, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) kif ukoll tal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15, u Korriġendum ĠU 2006, L 114, p. 102).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn CORPORATE COMPANIES s.r.o. (iktar 'il quddiem "Corporate Companies") u l-Ministerstvo financí ČR (il-Ministeru għall-Finanzi, ir-Repubblika Ċeka) dwar kontroll mniehdi minn dan tal-aħħar li jirrigwarda l-osservanza minn Corporate Companies tal-obbligi stabbiliti mid-dritt nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva 2005/60.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 1, 2, 5, 9, 10, 15 u 46 tad-Direttiva 2005/60 jiddikjaraw:

"(1) Flussi massiċċi ta' flus maħmuġa jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-suq komuni, u t-terroriżmu jheżżeż proprju l-pedamenti tas-soċjetà tagħna. Barra l-applikazzjoni tal-liġi kriminali, sforz preventiv permezz tas-sistema finanzjarja jista' jagħti riżultati.

(2) Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja kollha jistgħu jkunu perikolati b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u sħabhom sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul kriminali jew sabiex jikkanalizzaw flus legali jew illegali għal skopijiet terroristiċi […]

[…]

(5) Il-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu ta' spiss isiru f'kuntest internazzjonali. Miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jew ukoll fil-livell [tal-Unjoni Ewropea], mingħajr ma jittieħed kont tal-koordinazzjoni u l-koperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-[Unjoni] f'dan il-qasam għandhom għaldaqstant ikunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra meħuda f'fora internazzjonali. L-azzjoni [tal-Unjoni] għandha tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-'FATF'), li jikkostitwixxi l-korp internazzjonali prinċipali attiv fil-ġlieda kontra l-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu. Billi r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF ġew riveduti u mwessa b'mod sostanzjali fl-2003, din id-Direttiva għandha tiġi allinjata ma' dak l-istandard internazzjonali ġdid.

[…]

(9) Għalkemm id-Direttiva [tal-Kunsill] 91/308/KEE [tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 153)] timponi l-obbligu ta' l-identifikazzjoni tal-klijent, fiha relattivament ftit dettall dwar il-proċeduri rilevanti. Minħabba l-importanza kruċjali ta' dan l-aspett tal-prevenzjoni tal-money laundering u tal-finanzjament tat-terroriżmu, jixraq, skond l-istandards internazzjonali l-ġodda, li jiġu introdotti disposizzjonijiet aktar speċifiċi u dettaljati li jirrigwardaw

l-identifikazzjoni tal-klijent u ta' kwalunkwe sid benefiċjarju, u l-verifika ta' l-identità tagħhom. Għal dik ir-raġuni hija essenzjali definizzjoni preċiża ta' 'sid benefiċjarju'. Fejn il-benefiċjarji individwali ta' xi entità legali jew ta' xi arranġament bħal fondazzjoni jew trust għad iridu jiġu stabbiliti, u għaldaqstant ikun impossibbli li jiġi identifikat individwu bħala s-sid benefiċjarju, ikun biżżejjed li tiġi identifikata l-klassi ta' persuni intiżi li jkunu l-benefiċjarji tal-fondazzjoni jew tat-trust. Dan ir-rekwiżit ma għandux jinkludi l-identifikazzjoni ta' l-individwi f'dik il-klassi ta' persuni.

(10) L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom, konformement ma' din id-Direttiva, jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tas-sid benefiċjarju. […]

[…]

(15) Billi l-issikkar tal-kontrolli fis-settur finanzjarju wassal lil dawk li jipprattikaw il-money laundering u lil dawk li jiffinanzjaw it-terroristi li jfittxu metodi alternattivi sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul mill-kriminalità u billi dawn il-mezzi jistgħu jintużaw sabiex ikun iffinanzjat it-terroriżmu, l-obbligi ta' kontra l-money laundering u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu għandhom ikopru l-intermedjarji fl-assikurazzjoni tal-ħajja u l-forniturі ta' servizzi fir-rigward ta' trusts u kumpanniji.

[…]

(46) Billi l-għan ta' din id-Direttiva [huwa] l-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu […]"

4 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/60 jiddelimita l-grupp ta' persuni suġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif ġej:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

1) istituzzjonijiet ta' kreditu;

2) istituzzjonijiet finanzjarji;

3) il-persuni ġuridiċi jew fiżiċi, li ġejjin, meta jaġixxu fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali tagħhom:
   a) awdituri, accountants esterni u konsulenti tat-taxxa;
   b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra […]

      […]
   (c) forniturі ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji li mhumiex diġà koperti mill-punti (a) jew (b);

   […]"

5 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

7) 'forniturі ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li bħala eżerċizzju ta' negozju tipprovdi lil terzi kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin:
   a) il-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn;

[…]”

Id-dritt Ċek

6 Il-Liġi Nru 253/2008 dwar ċerti miżuri kontra l-legalizzazzjoni tad-dħul li ġej minn attività kriminali u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata (iktar ’il quddiem il-“Liġi kontra l-ħasil ta’ flus”, tittrasponi d-Direttiva 2005/60 fid-dritt Ċek.

7 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 2(1)(h) tal-Liġi kontra l-ħasil ta’ flus, li hija t-traspożizzjoni fid-dritt intern tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) u tal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60, għall-finijiet ta’ din il-liġi, ‘persuna suġġetta għal obbligi’ tfisser ‘kull persuna […] li tipprovdi […] servizzi lil persuna oħra li tikkonsisti fil-formazzjoni ta’ persuni ġuridiċi”.

8 Skont l-Artikolu 2(3) tal-Liġi kontra l-ħasil ta’ flus:

“Persuna li ma teżerċitax l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 bħala l-attività professjonali tagħha, bl-eċċezzjoni tal-persuni msemmija fil-paragrafu 2(c) u (d), ma hijiex persuna suġġetta għal obbligi”.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Corporate Companies hija persuna ġuridika stabbilita fi Praga (ir-Repubblika Ċeka), li l-għan soċjali tagħha jikkonsisti fil-bejgħ ta’ kumpanniji “ready-made”, jiġifieri kumpanniji diġà rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali. Corporate Companies tagħmel dan il-bejgħ billi tittrasferi lill-klijenti tagħha l-ishma tagħha fil-kapital ta’ dawn il-kumpanniji.

10 Skont opinjoni ddatata t-18 ta’ Awwissu 2015, il-Ministeru għall-Finanzi nieda proċedura ta’ kontroll li tirrigwarda l-osservanza minn Corporate Companies tal-obbligi stabbiliti b’mod partikolari mil-Liġi kontra l-ħasil ta’ flus.

11 Peress li qieset li hija ma kinitx “persuna suġġetta għal obbligi”, koperta mill-imsemmija liġi, Corporate Companies ippreżentat rikors quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta’ Praga, ir-Repubblika Ċeka), intiż li tiġi kkonstatata l-illegalità tal-kontroll imwettaq mill-Ministeru għall-Finanzi.

12 Fis-sentenza tagħha tal-25 ta’ Mejju 2016, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta’ Praga) iddeċidiet li Corporate Companies kienet taqa’ taħt il-punt 1 tal-Artikolu 2(1)(h) tal-Liġi kontra l-ħasil ta’ flus. F’dan ir-rigward, dik il-qorti enfasizzat li din id-dispożizzjoni tapplika għall-persuni li, fil-kuntest tal-attività professjonali tagħhom, jifformaw persuni ġuridiċi għall-klijenti tagħhom, indipendentement mill-fatt jekk dan isirx fuq it-talba tal-klijent jew jekk il-persuni ġuridiċi jiġux ifformati sabiex ikunu integrati f’portafoll ta’ offerti għal klijenti potenzjali. Il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta’ Praga) għaldaqstant ċaħdet ir-rikors ta’ Corporate Companies.

13 Din tal-aħħar appellat fil-kassazzjoni minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, billi argumentat li hija teżerċita l-attività ta’ stabbiliment ta’ kumpanniji għaliha stess u bi spejjeż tagħha. Hija ssostni li, peress li hija ma jkollhiex il-proprjetà ta’ persuni oħrajn meta tifforma l-kumpanniji, hija ma tistax tkun “persuna suġġetta għal obbligi”, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 2(1)(h) tal-Liġi kontra l-ħasil ta’ flus. Barra minn hekk, mhux biss l-għan soċjali ta’ Corporate Companies ma huwiex, fih innifsu, l-stabbiliment ta’ kumpanniji għal klijenti, iżda, anki jekk kellu jitqies li hija twettaq attività simili, hija madankollu ma tistax titqies bħala “persuna suġġetta għal obbligi” fis-sens tal-imsemmija liġi, peress li hija ma tifformax dawn il-kumpanniji f’isem, jew għan-nom ta’, klijent, b’mod li ma tistax tiġi kkritikata li aġixxiet biss sabiex tgħatti l-attivitajiet tal-klijenti tagħha.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li jmiss:

"Il-persuni li, fil-kuntest tal-attività professjonali tagħhom, ibiegħu kumpanniji diġà rreġistrati fir-reġistru tal-kumpanniji u kkostitwiti bil-għan li jinbiegħu (kumpanniji 'ready made'), li l-bejgħ tagħhom isir permezz tat-trasferiment ta' sehem fil-kumpannija sussidjarja li qed tinbiegħ, jidħlu taħt l-iskop tal-Artikolu 2(1)(3)(ċ) u tal-Artikolu 3(7)(a) tad-Direttiva 2005/60?"

Fuq id-domanda preliminari

15 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/60, moqri flimkien mal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-attività kummerċjali tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' kumpanniji li hija stess ifformat, mingħajr ebda talba minn qabel mingħand il-klijenti potenzjali tagħha, sabiex jinbiegħu lil dawn il-klijenti, permezz ta' trasferiment tal-ishma tagħha fil-kapital tal-kumpannija li hija s-suġġett tal-bejgħ, taqa' taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

16 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Corporate Companies tifforma persuni ġuridiki, tintegrahom fil-portafoll tagħhom sabiex iċċedihom lil klijenti potenzjali u, fil-każ ta' akkwist, tittrasferi lix-xerrej l-ishma tagħha fil-kapital tal-kumpannija li hija mibjugħa. Il-kumpanniji fformati b'dan il-mod ma jeżerċitaw ebda attività. Għaldaqstant, inkwistjoni hemm kumpanniji "empty shell", li jinsabu biss f'portafoll ifformat minn Corporate Companies, sakemm jinbiegħu.

17 Skont il-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/60, din tapplika għall-forniturі ta' servizzi ta' kumpanniji jew ta' trusts li ma jaqgħux diġà taħt il-punt (a) jew taħt il-punt (b) ta' dan l-istess punt 3. Il-punt 7(a) tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jippreċiża li "fornitur ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li bħala eżerċizzju ta' negozju tipprovdi lil terzi servizzi li jikkonsistu fil-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn.

18 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni stess tal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60 jirriżulta li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li l-attività tagħha tikkonsisti f'li tipprovdi lil klijent servizz iddeterminat, jiġifieri dak tal-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn, hija suġġetta għall-obbligi imposti minn din id-direttiva.

19 Issa, bħalma rrileva l-Gvern Spanjol fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, tali servizz huwa pprovdut kemm meta terz jagħti lil persuna fiżika jew ġuridika l-kompitu li tifforma kumpannija f'isimha jew għan-nom tagħha, kif ukoll meta terz jixtri kumpannija li kienet ifformata qabel minn din il-persuna bl-għan waħdieni li tbigħha.

20 Kuntrarjament għal dak li targumenta Corporate Companies, il-fatt li tali kumpannija ġiet ifformata mill-imsemmija persuna fuq it-talba ta' klijent jew li ġiet ifformata bil-ħsieb tal-bejgħ ulterjuri tagħha lil klijent potenzjali ma huwiex rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

21 Fil-fatt, qabelxejn, il-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60 ma jagħmilx distinzjoni bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

22 Sussegwentement, xejn f'din id-direttiva ma jippermetti li jitqies li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi punt 7(a) tal-Artikolu 3 il-persuni li jwettqu attività kummerċjali bħal dik ta' Corporate Companies.

23 Fl-aħħar nett, tali esklużjoni ma tkunx konformi mal-għan tal-imsemmija direttiva.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, bħalma jirriżulta kemm mit-titolu kif ukoll mill-premessi ta' din id-direttiva, din għandha l-għan li tipprevjeni l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil ta' flus u ta' finanzjament ta' terroriżmu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar, C-212/11, EU:C:2013:270, punt 46).

25 Fil-fatt, bħalma jirriżulta mill-premessi 1 u 2 tal-istess direttiva, dawn l-attivitajiet kriminali jista' jkollhom effetti negattivi importanti fuq is-saħħa, l-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju kif ukoll, finalment, fuq is-suq uniku.

26 Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/60 huma b'dan il-mod ta' natura eminentement preventiva, sa fejn dawn huma intiżi li jistabbilixxu, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, numru ta' miżuri preventivi u dissważivi għall-ġlieda effikaċi kontra l-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll għall-preservazzjoni tas-soliditá u tal-integrità tas-sistema finanzjarja. Dawn il-miżuri huma intiżi li dawn l-attivitajiet jiġu evitati jew, minn tal-inqas, jiġu mfixkla kemm jista' jkun possibbli, billi jiġu stabbiliti, għal dan l-għan, ostakoli fl-istadji kollha li l-imsemmija attivitajiet jistgħu jinkludu, kontra l-ħasil ta' flus u ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu.

27 F'dan il-kuntest, id-Direttiva 2005/60 hija intiża li timponi fuq ċerti persuni, minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni jew ta' attività ta' natura finanzjarja, ċerta numru ta' obbligi, jiġifieri, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni u l-verifika tal-identità tal-klijent u tal-benefiċjarju effettiv, il-kisba ta' informazzjoni dwar is-suġġett u n-natura maħsuba tar-relazzjoni kummerċjali, kif ukoll l-obbligu li tiġi ddikjarata kull indikazzjoni ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu lill-awtoritajiet kompetenti.

28 Issa, peress li, minn naħa, kumpannija tikkostitwixxi struttura xierqa biex isir kemm il-ħasil ta' flus kif ukoll il-finanzjament tat-terroriżmu, sa fejn din tippermetti li jinħbew riżorsi miksuba illegalment, li jiġu legalizzati permezz ta' din il-kumpannija, kif ukoll li jiġi ffinanzjat it-terroriżmu permezz tagħha, u li, min-naħa l-oħra, l-identifikazzjoni tal-klijent tikkostitwixxi element kruċjali għall-prevenzjoni ta' dawn l-attivitajiet, bħalma tistipula l-premessa 9 tad-Direttiva 2005/60, jidher raġonevoli li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun issuġġetta l-formazzjoni ta' tali struttura minn persuna jew minn impriża f'isem terz għall-kontroll previst minn din id-direttiva, billi jistabbilixxi b'dan il-mod l-ewwel ostakolu sabiex jiddiswadi lil kwalunkwe persuna li bi ħsiebha tuża kumpannija sabiex tiffaċilita dan it-tip ta' attivitajiet.

29 Tali kontroll jidher iktar importanti peress li l-formazzjoni ta' kumpannija tirrappreżenta hija stess tranżazzjoni li, min-natura tagħha, tippreżenta riskju għoli ta' ħasil ta' flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, minħabba t-tranżazzjonijiet finanzjarji li din it-tranżazzjoni tinkludi normalment, bħal provvista ta' kapital u, skont il-każ, ta' proprjetà, min-naħa tal-persuna li fformat il-kumpannija. Fil-fatt, tali tranżazzjonijiet jistgħu jiffaċilitaw l-introduzzjoni minn din tal-aħħar ta' dħul illegali fis-sistema finanzjarja, b'mod li jidher importanti li l-identità tal-klijent u ta' kwalunkwe benefiċjarju effettiv ta' din it-tranżazzjoni tkun ivverifikata u, għaldaqstant, li l-persuni li, fil-kuntest tal-attività tagħhom, jistabbilixxu kumpannija għall-benefiċċju ta' terz ikunu suġġetti għall-obbligi imposti mid-Direttiva 2005/60.

30 Għandu jiġi enfasizzat li tali riskji jeżistu mhux biss meta kumpannija hija stabbilita minn persuna, fil-kuntest tal-attività tagħha, f'isem u għan-nom ta' terz, iżda wkoll meta, bħal f'dan il-każ, kumpannija fformata qabel minn persuna, fil-kuntest tal-attività tagħha, għall-finijiet biss li tinbiegħ lil klijenti potenzjali, effettivament tinbiegħ lil klijent, permezz tat-trasferiment, favur dan tal-aħħar, tal-ishma tagħha fil-kapital tal-imsemmija kumpannija.

31 Issa, interpretazzjoni tal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60 fis-sens sostnut minn Corporate Companies, jiġifieri li persuna li l-attività kummerċjali tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' dan it-tip ta' kumpanniji fformati minn qabel ma taqax taħt din id-dsipożizzjoni, tkun toffri lil min irid jaħsel il-flus

u lil dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu, strument ideali sabiex jevitaw l-ewwel ostakolu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa ħsieb jistabbilixxi sabiex jipprevjeni l-użu ta' dawn il-kumpanniji għall-finijiet ta' dawn l-attivitajiet.

32 L-assenza ta' obbligi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu imposti fuq persuna bħal Corporate Companies, b'mod partikolari l-obbligu li tivverifika l-identità tal-klijent u tal-benefiċjarju effettiv, minn naħa, tkun isservi l-anonimat tax-xerrejja reali tal-kumpanniji mibjugħa jew tal-persuni li jaġixxu f'isimhom u, min-naħa l-oħra, tippermetti li jinħbew l-oriġini u l-iskopijiet tat-trasferimenti patrimonjali li jgħaddu minn dawn il-kumpanniji.

33 Fi kliem ieħor, tali interpretazzjoni tal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60 tiffavorixxi, fl-aħħar mill-aħħar, dak li d-Direttiva 2005/60 hija intiża preċiżament li tevita.

34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/60, moqri flimkien mal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-attività kummerċjali tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' kumpanniji li hija stess ifformat, mingħajr ebda talba minn qabel mingħand il-klijenti potenzjali tagħha, sabiex jinbiegħu lil dawn il-klijenti, permezz ta' ċessjoni tal-ishma tagħha fil-kapital tal-kumpannija li hija s-suġġett tal-bejgħ, taqa' taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq l-ispejjeż

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt 3(c) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu, moqri flimkien mal-punt 7(a) tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-attività kummerċjali tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' kumpanniji li hija stess stabbilixxiet, mingħajr ebda talba minn qabel mingħand il-klijenti potenzjali tagħha, sabiex jinbiegħu lil dawn il-klijenti, permezz ta' trasferiment tal-ishma tagħha fil-kapital tal-kumpannija li hija s-suġġett tal-bejgħ, taqa' taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

Firem